# L-Ewwel Patrijiet Karmelitani fl-Imdina



Mario Fenech

Il-knisja tal-Lunzjata fl-Imdina li hija mmexxija mill-Patrijiet Karmelitani hija waħda minn dawk l-attrazzjonijiet li wieħed isib f'din il-Belt Antika. Il-Patrijiet Karmelitani qabel ma daħlu fl-Imdina kienu jmexxu l-Knisja tal-Lunzjata li hemm fil-limiti tar-Rabat. Huma kellhom ukoll Kunvent żgħir ma din il-Knisja.

Minn dan il-Kunvent il-Patrijiet xeħħtu għajnejhom fuq Knisja zgħira li kien hemm fl-Imdina. Din il-Knisja kienet taħt it-titlu ta' Sidtna Marija Della Rocca u li kienet tissejjaħ bħala "Ta' Rocca". Din kienet fil-post fejn il-lum hemm parti mill-Kunvent tal-Karmelitani. Meta darba fost l-oħrajn l-Isqof ta' dak iż-żmien, Mons. Mikiel Giovanni Balaguer Camarasa kien qiegħed jagħmel Vista Pastorali fil-Knisja tal-Lunzjata huma talbuħ il-permess biex ikunu jistgħu jibdew imexxu din il-Knisja "Ta Rocca".

Wara li għamlilhom xi kundizzjonijiet l-Isqof laqa' t-talba tagħhom u nhar is-6 ta' Mejju 1659 huma ħadu l-pussess ta' din il-Knisja. F'Ġunju ta' l-istess sena l-Patrijiet marru jgħixu f'dar li kienu akkwistaw fl'Imdina. Id-dar kienet Nro 3 fi- Triq San Pietru dik li l-lum tinsab bejn il-bini tas-Sagristija tal-Knisja u wieħed mill-imħażen tal-Armar tal-Festa.

Wara li saru l-kuntatti meħtieġa mal-Ġeneral tal-Ordni Karmelitani u l-Awtoratijiet tal-Kurja f'Malta, d-Dokument Uffiċċjali tat-trasferiment tal-Kunvent mir-Rabat għal l-Imdina kien gie rreġistrat. Dan seħħ nhar it-22 ta' Gunju 1667 mill-Wisq Rev.P.Antonio Agius, Majjistru fit-Teoloġija u Kummissarju Ġenerali f' Malta. It-Trasferiment sar fil-Kurja biex wara li ġie rreġistrat l-istess Patri Antonio Agius ġie meqjus bħala l-Promotur u Fundatur ta' dan il-Kunvent fl'Imdina.

Dan il-proċess kien wieħed kemmxejn twil għaliex il-Knisja "Ta-Rocca" kienet Guspatronat u kellha xi Legati marbuta magħha. Dawn ġew onorati mill-Patrijiet biex setgħu jibdew jamministraw il-Knisja u kif ukoll biex jabitaw fid-dar li kienet ġiet imħollija lil Knisja permezz ta' Testment. M'għaddiex wisq żmien biex il-Patrijiet bil-ħeġġa kollha tagħhom bdew jaħsbu biex jakkwistaw xi propjeta li kien hemm biswit il-Knisja "Ta Rocca" biex b'hekk ikunu jistgħu jibnu Knisja ta' daqs akbar kif ukoll il-Kunvent tagħhom.

Dwar dan nikteb fil-ħarġa ta' dan il-Programm tas-sena d-dieħla.

IL-FESTA T-TAJBA LILL KULĦADD



*Kwadru tal-Madonna tal-Karmnu xogħol tal-artist Michelle Bellanti fil-Knisja tal-Karmnu Mdina.*